# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Novembru 2020

**Rikors Numru : 538/2019 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**MA**

**Vs**

**DA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' MA, datat 25 ta' Novembru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi r-rikorrenti kienet iżżewwġet lill-intimat, is-Sur DA, nhar it-2 ta' Mejju tas-sena 1992, liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku u dan hekk kif inhu indikat mill-istess ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok A;*

*Illi l-partijiet ilhom għal aktar minn erba (4) snin separati de fact u effettivament ma teżisti l-ebda possibilita ta' rikonċiljazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-intimat;*

*Illi l-partijiet isseparaw legalment minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja nhar is-sittax (16) ta' Jannar tas-sena 2015, in atti tan-Nutar Dr Keith Calleja, liema kuntratt ta' separazzjoni qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok B;*

*Illi mill-imsemmi żwieġ, il-partijiet kellhom żewġt itfal, li llum il-ġurnata huma t-tnejn maġorenni. L-ewwel wild iġib l-isem ta' AMA, li twieled f'X (ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bħala Dok C) filwaqt li t-tieni wild iġġib l-isem ta' AA li twieldet f'Y (ċertifikat tat-twelid qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok D).*

*Illi r-rikorrenti tiddikjara li ma hemm l-ebda kwistjoni dwar manteniment rigward it-tfal tal-partijiet imsemmija , la in kwantu arretrati u lanqas fil-preżent, u dan stante li tali obbligu illum il-ġurnata ma għadux jeżisti.*

*Illi hekk kif inhu indikat fl-istess kuntratt ta' separazzjoni personali, il-partijiet kienu iddekadew reċiprokament għall-manteniment mingħand xulxin, kwindi ma teżisti l-ebda lanjanza f'dan is-sens bejn l-istess partijiet.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti MA titlob bir-rispett lil dina l-Wisq Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara li ż-żwieġ tagħha hu maħlul u li l-partijiet huma divorzjati għal finijiet u effetti kollha tal-liġi;*
2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jirreġistrah skont il-liġi fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat li fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2020 (fol 21) wara li l-Qorti spjegat d-drittijiet legali tieghu, **DA** ghazel li ma jkunx assistit minn avukat u ddikjara li ma għandux oġġezzjoni għad-divorzju.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MA** xehdet (Vide affidavit a fol 12) illi hija iżżewwġet lill-intimat fit-2 ta' Mejju 1992 u li huma isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fis-16 ta' Jannar 2015. Tgħid

illi għaddew erba' snin minn meta huma sseparaw de facto u ilhom dak iż-żmien kollu ma jgħixu flimkien. Tgħid illi ma hemmx tama ta' rikonċiljazzjoni. Xehdet li minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, illum it-tnejn maġġorenni. Xehdet illi ma hemm ebda kwistjoni dwar manteniment rigward it-tfal.

**DA** xehed bil-ġurament (Vide fol 22 ) u ikkonferma u ikkorabora dak li xehdet martu **MA.**

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirriżulta sodisfaċentement pprovat illi l-partijiet kienu żżewġu nhar it-2 ta' Mejju 1992 (Vide fol 3) u li minn dan iż-żwieg huma kellhom żewġt ulied, illum it-tnejn maġġorenni u jaħdmu.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Keith Calleja, datat 16 ta' Jannar 2015 (vide Dok. B fol 4 et seqq.) u ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi la hemm manteniment dovut u lanqas hemm arretrati tal-istess;

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfaċentement pruvat illi ma hemm ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirriżulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex iż-żwieġ jiġi maħlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**